

Mistoqsija għal tweġiba bil-miktub E-001400/2018

lill-Kummissjoni

Artikolu 130 tar-Regoli ta' Proċedura

Barbara Spinelli (GUE/NGL), Beatriz Becerra Basterrechea (ALDE), Tanja Fajon (S&D), Maria Grapini (S&D), Maria Gabriela Zoană (S&D), Tokia Saïfi (PPE), Pina Picierno (S&D), Neoklis Sylikiotis (GUE/NGL), Takis Hadjigeorgiou (GUE/NGL), Maite Pagazaurtundúa Ruiz (ALDE), Sergio Gaetano Cofferati (S&D), Mercedes Bresso (S&D), Silvia Costa (S&D), Bart Staes (Verts/ALE), Marlene Mizzi (S&D), Malin Björk (GUE/NGL), Carlos Coelho (PPE), Ramón Luis Valcárcel Siso (PPE), Antonio López-Istúriz White (PPE), Anna Hedh (S&D), Marita Ulvskog (S&D), Jytte Guteland (S&D), Jens Nilsson (S&D), Wajid Khan (S&D), Luigi Morgano (S&D), Javier Nart (ALDE), Ana Gomes (S&D), Gérard Deprez (ALDE), Izaskun Bilbao Barandica (ALDE), Curzio Maltese (GUE/NGL), João Pimenta Lopes (GUE/NGL), João Ferreira (GUE/NGL), Viliija Blinkevičiūtė (S&D), Nikolaos Chountis (GUE/NGL), Molly Scott Cato (Verts/ALE), Javier Couso Permuy (GUE/NGL), Michaela Šojdrová (PPE), Petras Auštrevičius (ALDE), Julie Ward (S&D), Merja Kyllönen (GUE/NGL), Nathalie Griesbeck (ALDE), Jean Lambert (Verts/ALE), Barbara Lochbihler (Verts/ALE), Tania González Peñas (GUE/NGL), Marisa Matias (GUE/NGL), Claude Turmes (Verts/ALE), Dietmar Köster (S&D), Claude Moraes (S&D), Eva Joly (Verts/ALE), Soraya Post (S&D), Benedek Jávor (Verts/ALE), Hilde Vautmans (ALDE), Monika Beňová (S&D), Miguel Urbán Crespo (GUE/NGL), Elly Schlein (S&D), Ernest Urtsun (Verts/ALE), Bodil Valero (Verts/ALE), António Marinho e Pinto (ALDE), Helmut Scholz (GUE/NGL), Kostas Chrysogonos (GUE/NGL), Jordi Solé (Verts/ALE), Sirpa Pietikäinen (PPE), Martina Anderson (GUE/NGL), Stefan Eck (GUE/NGL), Sophia in 't Veld (ALDE), Josef Weidenholzer (S&D), Nessa Childers (S&D), Olle Ludvigsson (S&D), Anna Maria Corazza Bildt (PPE) u Caterina Chinnici (S&D)

Suġġett: Id-detenzjoni ta' tfal mhux akkumpanjati f'ċelel tal-għassa tal-pulizija fil-Greċja

Il-Human Rights Watch (HRW) tirrapporta li fil-Greċja, lejn l-aħħar ta' Diċembru 2017, 54 tifel u tifla mhux akkumpanjati nżammu fiċ-ċelel tal-għassa tal-pulizija jew f'ċentri ta' detenzjoni tal-immigranti¹. Ir-riċerka tagħha sabet li dawn it-tfal għexu "f'kundizzjonijiet mhux sanitarji, ħafna drabi ma' adulti li ma jiġux minnhom" u jistgħu jkunu "soġġetti għal abbuż u trattament ħażin mill-pulizija".

Id-detenzjoni tat-tfal hija kuntrarja għal-liġi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem², kif stipulat ukoll mill-Grupp ta' Fiddma tan-NU dwar id-Detenzjoni Arbitrarja, il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal u r-Rapporteur Speċjali dwar it-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra.

L-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 jistipula li l-Istati Membri għandhom jikkooperaw flimkien mill-viċin, għandhom iqisu l-possibiltajiet ta' riunifikazzjoni tal-familja u, fil-każ ta' minorenni mhux akkumpanjati, għandhom "kemm jista' jkun malajr, jieħdu azzjoni adatta biex jidentifikaw il-membri tal-familja, aħwa jew qraba tal-minorenni mhux akkumpanjati fit-territorju tal-Istati Membri".

Il-Kummissjoni hija konxja ta' din is-sitwazzjoni u, jekk iva, x'passi ser tiegħu biex tappoġġja miżuri alternattivi għad-detenzjoni, sabiex titħaffef ir-riunifikazzjoni tal-familja mill-Greċja mal-qraba u r-

¹ Skont il-HRW u diversi studji, fosthom rapport imfassal fuq talba tal-Kummissjoni, id-detenzjoni għandha impatt serju fit-tul fuq it-tfal, inklużi "ħsara għall-iżvilupp tagħhom, ansjetà, dipressjoni, disturb minn stress postrawmatiku, u telf ta' memorja": <http://odysseus-network.eu/wp-content/uploads/2015/02/FINAL-REPORT-Alternatives-to-detention-in-the-EU.pdf>
<https://www.hrw.org/news/2018/01/23/asylum-seeking-kids-locked-greece>
<http://www.unhcr.org/58a458eb4>

² Assemblea Ġenerali tan-NU, Dikjarazzjoni ta' New York għar-Rifuġjati u l-Migranti: riżoluzzjoni adottata mill-Assemblea Ġenerali, it-3 ta' Ottubru 2016, A/RES/71/1, "We, the Heads of State and Government and High Representatives (...) will also pursue alternatives to detention while these assessments are under way." ("Aħna, bħala Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern u r-Rappreżentanti Għoljin (...) ser inseguwu wkoll alternattivi għad-detenzjoni filwaqt li jinsabu għaddejnin dawn il-valutazzjonijiet.")
<http://www.refworld.org/docid/57ceb74a4.html> - Kumment Ġenerali Nru 21 (2017) tal-Kumitat tan-NU dwar id-drittijiet tat-tfal dwar tfal f'sitwazzjonijiet tat-triq (foqra, mingħajr dar jew it-tnejn) – ara l-paragrafu 44
"Deprivation of liberty, for example, in detention cells or closed centres, is never a form of protection." ("L-iċ-ċaħda ta' libertà, pereżempju, f'ċelel ta' detenzjoni jew ċentri magħluqa, mhi qatt forma ta' protezzjoni").

rilokazzjoni sikura ta' tfal mhux akkumpanjati li jkunu qegħdin ifittxu l-asil anki jekk ma jkollhomx rabtiet familjari?